**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 39/14VG**

**MaltaPost p.l.c.**

**Vs**

**Malta Communications Authority**

**Illum 4 ta' April 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat mis-socjetà MaltaPost p.l.c. fis-7 ta' April 2014 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka fl-intier taghha d-Decizjoni ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni intitolata *Market Review for the Postal Sector: Parcel Post Markets – Analysis of Markets, Determination of Market Power and Setting of Remedies* pubblikata fis-17 ta' Marzu 2014, stante li hija bbazata fuq determinazzjoni hazina da parte ta' l-imsemmija Awtorità tas-swieq tas-servizzi postali rilevanti, kif ukoll fuq determinazzjoni erroneja, infondata fil-fatt u fid-dritt u bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti dwar jekk l-imsemmija swieq humiex kompetittivi u stante ukoll li l-konkluzzjoni ta' l-Awtorità li hija (ossia s-socjetà Rikorrenti) ghandha setgha sinjifikanti fis-suq kif definit mill-istess Awtorità hija wkoll erroneja, infondata fil-fatt u fid-dritt u ibbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti; bl-ispejjez kontra l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni kompetenti lilha fir-rigward tad-danni lilha kagunati mill-Awtorità imsemmija;

Ra d-dokument anness mar-Rikors promotur markat Dok. "A", ossia d-Decizjoni ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni intitolata *Market Review for the Postal Sector: Parcel Post Markets – Analysis of Markets, Determination of Market Power and Setting of Remedies* pubblikata fis-17 ta' Marzu 2014[1];

[1] Fol. 11 sa' 52 tal-process.

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni permezz ta' liema topponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti mid-Decizjoni intitolata *Market Review for the Postal Sector: Parcel Post Markets – Analysis of Markets, Determination of Market Power and Setting of Remedies* pubblikata fis-17 ta' Marzu 2014, u titlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra s-socjetà Rikorrenti, u minflok id-Decizjoni tigi kkonfermata stante li l-identifikazzjoni tad-diversi swieq tas-servizzi postali sehhet permezz ta' decizjoni intitolata *Market Review for the Postal Sector: Letter Mail Markets – Identification and Analysis for Markets, Determination of Market Power and Setting of Remedies – Final Decision* pubblikata fit-30 ta' Ottubru 2013, minn liema decizjoni ma kien hemm ebda appell u ghalhekk illum hija *res judicata*. Apparte minn hekk fil-kuntest ta' dik id-decizjoni s-socjetà Rikorrenti kienet qablet mal-mod kif l-Awtorità identifikat u stabbiliet is-swieq tas-servizzi postali. In oltre l-appell ghandu jigi michud ghaliex l-argumenti tas-socjetà Rikorrenti huma f'hafna istanzi generici, ripetuti u mhux sostanzjati u bl-ebda mod, kemm fattwalment u legalment, ma jwaqqghu dak li tipprovdi fid-Decizjoni appellata. Ir-Rikors ta' l-Appell f'diversi istanzi huwa ghal kollox nieqes mir-ragunijiet ghalfejn is-socjetà Rikorrenti hassitha aggravata bid-Decizjoni appellata u bhala tali ghandu jigi kkunsidrat invalidu a tenur ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta. Kuntrarjament ghal dak affermat mis-socjetà Rikorrenti fir-Rikors promotur, l-Awtorità waslet ghad-Decizjoni taghha wara li qieset sew ic-cirkostanzi tas-swieq in kwistjoni u s-socjetà Rikorrenti ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' l-allegazzjoni taghha li hemm kompetizzjoni da parte ta' operaturi ohra fis-swieq in kwistjoni, biex b'hekk tirribatti b'mod sodifacenti ghall-konkluzzjoni ta' l-Awtorità li hija [ossia socjetà Rikorrenti] ghandha *Significant Market Power* (SMP) fis-swieq in kwistjoni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta ta' l-Awtorità Intimata markati Dok. "MCA1" sa' Dok. "MCA6" a fol. 68 sa' 177 tal-process;

Sema' x-xhieda moghtija minn Joseph Gafà in rapprezentanza tas-socjetà Rikorrenti waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju 2014[2], ix-xhieda ta' Victor Zammit in rapprezentanza ta' l-Awtorità Intimata moghtija waqt is-seduti tas-27 ta' Gunju 2014[3], tat-13 ta' Ottubru 2014[4] u tas-17 ta' Novembru 2014[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "VZ1" sa' Dok. "VZ9" a fol. 228 sa' 282 tal-process, sema' x-xhieda ta' Yolande Spiteri moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2015[6] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "YS1" sa' Dok. "YS3" a fol. 297 sa' 375 tal-process, ra l-affidavit ta' Yolande Spiteri u d-dokumenti annessi mieghu esebit mis-socjetà Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fl-14 ta' Mejju 2015 a fol. 383 sa' 422 tal-process, ra d-dokumenti

[2] Fol. 195 sa' 200 tal-process.
[3] Fol. 201 sa' 205 tal-process.
[4] Fol. 213 sa' 226 tal-process.
[5] Fol. 283 sa' 293 tal-process.
[6] Fol. 376 sa' 381 tal-process.

esebiti mill-Awtorità Intimata permezz ta' Nota pprezentata fit-8 ta' Gunju 2015 a fol. 423 u 424 tal-process u sema' x-xhieda moghtija minn Glenn Fenech in rapprezentanza ta' l-Awtorità Intimata waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2015[7];

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta Decizjoni ta' l-Awtorità Intimata pubblikata fis-17 ta' Marzu 2014 intitolata *Market Review for the Postal Sector: Parcel Post Markets – Analysis of Markets, Determination of Market Power and Setting or Remedies*[8] (hawn iktar 'l quddiem indikata bhala id-Decizjoni appellata) fejn fir-rigward tal-*Parcel Post Markets* essenzjalment ikkonkludiet u ddecidiet illi *following the examination and discussion presented above* (ossia wara l-analizi tal-*Parcel Post Markets* kemm *domestic* kif ukoll *outbound*) *the MCA concludes that MaltaPost will continue to hold SMP in both the domestic parcel post market (Market 7) and the outbound parcel post market (Market 8)*[9] u konsegwentement illi *with reference to the evidence presented above the MCA concludes that MaltaPost continues to retain its SMP position in both the domestic parcel post market and the outbound parcel post market identified. As a result, the MCA believes that if unregulated, MaltaPost has the power to constrain potential competition from emerging in the standard parcel post markets, and consequently behave to an appreciable extent independentaly of users and potential competitors. To this effect, the MCA therefore deems it is very important to continue regulating the standard parcel post markets during the timeframe of this review. Consequently, the MCA shall continue to impose on MaltaPost all the above mentioned regulatory obligations in Section 4.2* [ossia *obligation to provide services at cost-oriented prices, obligation of non-discrimination, obligation of provision of services on an unbundled basis, approval and publication of tariffs* u *accounting separation*) *to ensure that MaltaPost does not: charge excessive prices; inhibit market entry to restrict competition by setting predatory prices; show undue preference to specific end-users; or unreasonably bundle services. Nothing in this document shall limit the MCA in the exercise and performance of its statutory functions, powers and duties under legislation (in force prior to or after the effective date of this Decision) from time to time as the occasion may require. The abovementioned regulatory obligations are without prejudice to the power of the MCA to issue any directives to MaltaPost as it may be authorized to issue at law, including but not limited to any such directives issued in respect of article 76A of the Postal Services Act, Chapter 254. Any*

[7] Fol. 428 sa' 431 tal-process.
[8] Dok. "A" a fol. 11 sa' 51 tal-process.
[9] Section 3.6 tad-Decizjoni – *Conclusion on the Analysis of Parcel Post Markets.*

*decisions issued by the MCA prior to the effecticve date of this decision shall continue to be in force until revoked or amended by the MCA. The MCA considers that it is very important to keep a close watch on all the parcel post markets identified for any signs of progress and developments. To this end, the MCA intends to monitor market trends and developments on an ongoing basis, and remains committed to carry out new analysis on any one of the parcel post markets identified and at any point in time in response to any significant development in the market. In its response to the national consultation MaltaPost had no further comments to make except that it disagrees with the regulatory obligations imposed by the MCA. On the other hand, as already stated, the MCA believes that if unregulated, MaltaPost has the power to constrain potential competition from emerging in the standard parcel post markets, and consequently behave to an appreciable extent independently of users and potential competitors. To this effect, the MCA therefore deems it is very important to continue regulating the standard parcel post markets during the timeframe of this review*[10].

Is-socjetà Rikorrenti essenzjalment tikkontendi li *d-determinazzjoni da parti ta' l-Awtorità Intimata tas-swieq tas-servizzi postali rilevanti fl-ambitu tas-servizz universali adattati ghac-cirkostanzi nazzjonali ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-servizzi postali rilevanti fl-ambitu tas-servizz nazzjonali adattati ghac-cirkostanzi nazzjonali ghall-finijiet tad-Decizjoni taghha tas-17 ta' Marzu 2014 ma tirrispekkjax ir-realtà ta' dawk is-swieq, kif ukoll peress illi id-determinazzjoni ta' jekk dawk is-swieq huma kompetittivi maghmula mill-istess Awtorità intimata fil-precitata Decizjoni hija erroneja, infondata fil-fatt u fid-dritt u bbazata fuq konsiderazzjonijiet li mhumiex sufficjenti sabiex l-Awtorità tasal ghad-decizjoni taghha skond il-ligi u huma irrelevanti, u anke peress illi d-determinazzjoni li s-socjetà esponenti ghandha (skond l-Awtorità Intimata) setgha sinifikanti fis-suq kif definit mill-istess Awtorità Intimata maghmula mill-istess Awtorità Intimata fil-precitata Decizjoni hija wkoll erronja, infondata fil-fatt u fid-dritt u bbazata fuq konsiderazzjonijiet li huma irrelevanti u li lkoll ma jikkonformawx mar-rekwiziti ta' l-Artikolu 64B et seq. tal-Postal Services (General) Regulations*[11] u konsegwentement titlob li d-Decizjoni appellata tigi mhassra u revokata fl-intier taghha.

L-Awtorità Intimata topponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti mid-Decizjoni appellata u tikkontendi li l-istess ghandu jigi michud filwaqt illi l-imsemmija Decizjoni appellata tigi kkonfermata stante li: (i) l-identifikazzjoni tad-diversi swieq tas-servizzi postali sehhet permezz ta' decizjoni intitolata *Market Review for the Postal Sector: Letter Mail Markets – Identification and Analysis for Markets, Determination of Market Power and Setting of Remedies – Final Decision* pubblikata fit-30 ta' Ottubru 2013, minn liema

---

[10] Section 4.3 tad-Decizjoni – *Decision on Regulatory Intervention*, Section 4.4 tad-Decizjoni – *Statutory Power not Affected*, Section 4.5 tad-Decizjoni – *Monitoring Developments* u Section 4.6 tad-Decizjoni – *Summary of Responses to Issues Related to the Regulatory Obligations*.

[11] Rikors promotur a fol. 1 sa' 8 tal-process.

decizjoni ma kien hemm ebda appell u ghalhekk illum hija *res judicata;* (ii) apparte minn hekk, fil-kuntest ta' dik id-decizjoni s-socjetà Rikorrenti kienet qablet mal-mod kif l-Awtorità identifikat u stabbiliet is-swieq tas-servizzi postali; (iii) l-argumenti tas-socjetà Rikorrenti huma f'hafna istanzi generici, ripetuti u mhux sostanzjati u bl-ebda mod, kemm fattwalment u legalment, ma jwaqqghu dak li tipprovdi fid-Decizjoni appellata; (iv) ir-Rikors ta' l-Appell f'diversi istanzi huwa ghal kollox nieqes mir-ragunijiet ghalfejn is-socjetà Rikorrenti hassitha aggravata bid-Decizjoni appellata u bhala tali ghandu jigi kkunsidrat invalidu a tenur ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta; (v) kuntrarjament ghal dak affermat mis-socjetà Rikorrenti fir-Rikors promotur, l-Awtorità waslet ghad-decizjoni taghha wara li qieset sew ic-cirkostanzi tas-swieq in kwistjoni u s-socjetà Rikorrenti ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' l-allegazzjoni taghha li hemm kompetizzjoni da parte ta' operaturi ohra fis-swieq in kwistjoni, biex b'hekk tirribatti b'mod sodifacenti ghall-konkluzzjoni ta' l-Awtorità li hija ghandha *Significant Market Power* (SMP) fis-swieq in kwistjoni.

Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi kkunsidrata hija dik ta' l-invalidità tar-Rikors promotur a tenur ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mill-Awtorità Intimata fir-Risposta taghha.

L-Awtorità Intimata tissolleva l-allegata invalidità tar-Rikors promotur fir-rigward ta' zewg aggravji partikolari sollevati mis-socjetà Rikorrenti: ***il-MaltaPost tikkontendi li d-divizjoni tas-swieq kif maghmula mill-Awtorità hija ghal kollox zbaljata***[12]*. F'dan il-kuntest il-MaltaPost taghmel referenza ghal decizjoni ohra ta' l-Awtorità mahruga fis-26 ta' Dicembru 2012 … fejn il-MaltaPost tghid li f'din id-Decizjoni ta' l-2012 l-Awtorità, fl-ambitu tas-swieq tas-servizzi postali li jaqghu fl-iskop tas-servizzi universali, kienet identifikat erbat iswieq.* ***Il-MaltaPost tikkontendi li fid-Decizjoni Appellata l-Awtorità introduciet dak li l-MaltaPost tiddeskrivi bhala 'sub-divisions tas-swieq già definiti'. Il-MaltaPost taghmel l-argument li ma kien hem l-ebda raguni valida biex l-Awtorità taqsam is-swieq f'dawn is-sub-divisions 'specjalment meta l-ligi relevanti bl-ebda mod tirrikjedi li dan jsehh'. Il-MaltaPost tonqos però milli telabora ghalfejn, skont hi, ma kien hemm l-'ebda raguni valida' biex isir dan, u tillimita ruhha biex tghid li dan 'ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza'. Bla hsara ghall-bqija tas-sottomissjonijiet f'din ir-risposta l-Awtorità, filwaqt li tissolleva li n-nuqqas ta' ragunijiet li fuqha hija msejsa t-talba fir-rikors promotur ghandu jwassal ghall-invalidità ta' l-istess rikors promotur a tenur ta' l-Artiklu 15(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta***[13]*, tirriserva li twiegeb meta, u jekk, il-MaltaPost telabora dwar dan. Jinghad biss, naturalment, li din is-sottomissjoni tal-MaltaPost hija kontestata mill-Awtorità. Jerga' jinghad ukoll illi din il-*

[12] Enfasi tat-Tribunal.
[13] Enfasi tat-Tribunal.

*kontestazzjoni tal-MaltaPost ma tistax issir gjaladarba l-konkluzjoni li qed tigi attakkata hija dik milhuqa fid-Decizjoni 30 ta' Ottubru 2013, li hija res judicata, u mhux fid-Decizjoni Appellata. Jekk il-MaltaPost riedet tikkontesta d-definizzjoni tas-swieq, kellha l-opportunità li taghmel dan meta nharget l-imsemmija decizjoni tat-30 ta' Ottubru 2013, u mhux issa diversi xhur wara li din id-decizjoni saret res judicata*[14] u ***l-MaltaPost tikkontendi li l-Awtorità kienet zbaljata meta ddecidiet li l-MaltaPost ghandha setgha sinifikanti fis-suq (significant market power – u cioè SMP). Però, imbaghad, il-MaltaPost tonqos milli tghid precizament ghal liema suq qed tirreferi u ghalfejn skont hi d-Decizjoni Appellata hi 'ghal kollox erronja, infondata fil-fatt u fid-dritt u bbazata fuq konsiderazzjonijiet li m'humiex sufficjenti u konklussivi' ghajr li tghid li ser taghti r-ragunijiet taghha fil-mori tal-kawza. L-Awtorità, filwaqt li terga' tissolleva li n-nuqqas ta' ragunijiet li fuqha hija msejsa t-talba fir-rikors promotur ghandu jwassal ghall-invalidità ta' l-istess rikors promotur a tenur ta' l-Artiklu 15(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta***[15], *ma ghandhiex alternattiva li tirriserva li twiegeb ulterjorment meta, u jekk, il-MaltaPost taghti r-ragunijiet taghha f'dan ir-rigward*[16].

L-Artikolu invokat mill-Awtorità Intimata, ossia l-Artikolu 15(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta – l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva – applikabbli ghall-appelli kontra decizjonijiet moghtija mill-imsemmi Awtorità bis-sahha ta' l-Artikolu 36(2) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li *l-procedimenti fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandhom jibdew bil-prezentata ta' rikors. Ir-Rikorrent ghandu jipprezenta rikors fir-Registru tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. Dan ir-rikors ghandu jkun fih: (a) dikjarazzjoni cara u korretta tas-suggett u r-raguni ghat-talba; (b) it-talba jew it-talbiet; (c) esposizzjoni cara u dettaljata tal-fatti tal-kaz, kif ikun jafhom ir-rikorrent; (d) l-isem tax-xhieda li r-rikorrent ikun bi hsiebu jharrek, inkluz it-tahrik tal-kontroparti, bid-dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull xhud tal-prova li r-rikorrent ikun bi hsiebu jaghmel permezz taghhom; u (e) ir-rimedju li jkun qieghed jintalab, bl-ispejjez kontra l-amministrazzjoni pubblika.* Evidentement l-Awtorità Intimata tikkontendi li r-Rikors promotur, ghall-inqas ghal dak li jirrigwarda l-aggravji hawn fuq indentifikati, ma jissodisfax ir-rekwiziti ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, b'mod partikolari r-rekwizit stipulat fil-paragrafu (a), u ghaldaqstant ghandu jigi dikjarat invalidu ai termini tal-Ligi.

Fir-rigward ta' din l-eccezzjoni partikolari t-Tribunal jaghmel referenza ghall-Artikolu 789 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta – liema artikolu fil-fehma Tieghu japplika anke ghal Rikorsi bis-sahha ta' liema jigu istitwiti proceduri quddiemu - li jipprovdi: *l-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata – (a) jekk in-nullità hija iddikjarata mill-ligi espressament; (b) jekk*

[14] Para. 11 u 12 tar-Risposta ta' l-Awtorità Intimata, fol. 59 u 60 tal-process.
[15] Enfasi tat-Tribunal.
[16] Para. 16 tar-Risposta ta' l-Awtorità Intimata, fol. 61 tal-process.

*l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti; (c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-ligi wkoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat; (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi: Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi. (2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht is-subartikolu (1)(c) ma tistax tinghata meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità.*

Dwar l-eccezzjoni tan-nullità ta' att giudizzjarju, inkluz ghalhekk Rikors bis-sahha ta' liema jigu istitwiti proceduri quddiem dan it-Tribunal, huma ormai principji assodati li: (i) *in-nullità ta' l-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta' citazzjoni ghandu jkun imwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi*[17]; u (ii) *ghal xi zmien, il-forma ta' l-att gudizzjarju kienet issaltan, imma, biz-zmien u b'interventi tal-legislatur, issawret it-teorija maghrufa bhala ta' l-ekwipollenti li nisslet il-principju li m'hijiex mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni ta' l-azzjoni. Illi ghalhekk, citazzjoni m'ghandhiex tigi mwaqqa' ghajr ghal ragunijiet gravi. Madanakollu, biex citazzjoni jista' jinghad li ghandha kawzali cara bizzejjed jehtieg li jirrisulta rapport ta' rabta ragonevoli bejn il-premessi u t-talba nnifisha immirata lejn il-persuna mharrka. Jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' ghamla u kwalità tali jcahhad b'mod serju lill-imharrek mid-difiza tieghu, ic-citazzjoni ghandha tigi imwaqqa'*[18].

Ghalkemm dawn il-principji gew enuncjati fil-kuntest ta' Atti ta' Citazzjoni pprezentati quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-insenjamenti fihom enuncjati japplikaw anke ghal Rikorsi permezz ta' liema jigu istitwiti proceduri quddiemu ghaliex apparte l-principju generali li *l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli*[19], ghad illi l-Artikoli 36(1) u 37(1) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellmu dwar il-kompetenza tat-Tribunal f'termini ta' **appelli** minn decizjonijiet ta' l-Awtorità Intimata, in verità il-forma tar-Rikors li ghandu jigi pprezentat quddiem it-Tribunal a tenur ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta hija affini ghall-forma tar-Rikors Guramentat ipprezentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, a sua volta precedut mill-Att ta' Citazzjoni.

---

[17] Malta Development Corporation v. Paul Licari, Citaz. Nru. 489/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' April 2004.
[18] Galleria Management Limited v. Derby International Limited, Appell Civili Nru. 1809/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-10 ta' Ottubru 2003.
[19] Malta Development Corporation v. Paul Licari, Citaz. Nru. 489/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' April 2004.

Fid-dawl ta' l-insenjamenti hawn appena citati ghalhekk, dak li jrid jara u jikkonsidra t-Tribunal fil-kuntest ta' l-eccezzjoni ta' l-invalidità tar-Rikors promotur sollevata mill-Awtorità Intimata fil-kaz in ezami huwa dwar jekk l-allegat nuqqas tas-socjetà Rikorrenti li taghti ragunijiet in sostenn taz-zewg aggravji ta' l-appell indikati iktar 'l fuq huwiex tali li jcahhad b'mod serju lill-imsemmija Awtorità mid-difiza taghha.

Wara li qies l-imsemmija zewg aggravji, b'mod partikolari l-mod kif gew esposti fir-Rikors promotur, it-Tribunal ma huwiex assolutament ta' l-opinjoni li l-mod kif gew redatti jcahhad b'mod serju lill-Awtorità Intimata mid-difiza taghha. Fiz-zewg kazijiet is-socjetà Rikorrenti esprimiet l-aggravji taghha b'mod relattivament car fejn turi b'mod sodisfacenti 'l ghala ma taqbilx mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Awtorità Intimata fid-Decizjoni appellata. Jekk imbaghad fil-meritu tali aggravji humiex gustifikati o meno hija kwistjoni ohra, kwistjoni li fil-fatt ser tigi trattata iktar 'l quddiem f'din is-sentenza. Apparte minnhekk jigi osservat ukoll illi *dato ma non concesso* li s-socjetà Rikorrenti ma taghtx ragunijiet in sostenn ta' dawn iz-zewg aggravji partikolari taghha mid-Decizjoni appellata, ghandu ghal daqshekk biss it-Tribunal jinjora ghal kollox ir-rimanenti aggravji taghha u b'hekk jiddikjara l-proceduri minnha istitwiti invalidi ai termini tal-Ligi? Ir-risposta ghal tali kwezit hija certament illi le.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk it-Tribunal iqis li ma jissussitux l-estremi biex l-eccezzjoni ta' l-invalidità tar-Rikors promotur titqies bhala gustifikata u ghaldaqstant l-istess ghandha tigi michuda.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa jigi trattat l-appell tas-socjetà Rikorrenti mid-Decizjoni appellata fil-meritu.

Fl-ewwel lok is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li *kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori ta' dawn il-proceduri d-divizjoni tas-swieq tas-servizzi postali rilevanti fl-ambitu tas-servizz universali adattati ghac-cirkostanzi nazzjonali hekk kif maghmula mill-Awtorità intimata hija ghal kollox zbljata*[20]. Hawnhekk is-socjetà Rikorrenti kjarament qed tikkontesta l-identifikazzjoni da parte ta' l-Awtorità Intimata ta' tmient iswieq fl-ambitu tas-servizzi postali, ossia *Market 1: Domestic Single Piece Letter Mail Market; Market 2: Outbound Single Piece Letter Mail Market; Market 3: Domestic Registered Letter Mail Market; Market 4: Outbound Registered Letter Mail Market; Market 5: Domestic Bulk Letter Mail Market; Market 6: Outbound Bulk Letter Mail Market; Market 7: Domestic Parcel Post Market u Market 8: Outbound Parcel Post Market.*

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li effettivament l-identifikazzjoni tas-swieq rilevanti fl-ambitu tas-servizzi postali già kienet saret da parte ta' l-Awtorità Intimata f'decizjoni pubblikata fis-26 ta' Dicembru 2012 intitolata

[20] Rikors promotur, fol. 3 tal-process.

*Designation of MaltaPost p.l.c. as having Significant Market Power (SMP)*[21] u dawn gew identifikati bhala *Letter-post services market, Bulk letter-post services market, Registered letter-post services market u Parcel-post services market*. Tikkontendi ghalhekk li fil-kuntest tad-Decizjoni appellata l-Awtorità Intimata ghazlet li tohloq *sub-divisions* ta' l-imsemmija erbat iswieq, liema *sub-divisions* skontha kienu mhux biss mhux necessarji tali addirittura huma tali li joholqu pregudizzju fil-konfront taghha: *kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza ma kien hemm l-ebda raguni valida biex l-Awtorità taqsam dawk is-swieq f'sub-divisions tas-swieq gja definiti, specjalment meta l-ligi rilevanti bl-ebda mod ma tirrikjedi li dan jsehh. Anzi, minflok inholoq certezza u liberazzjoni totali fl-operazzjonijiet fis-swieq postali, tali sub-divisions fissru biss li l-Awtorità intimata setghat tiddeciedi li ma hemmx kompetizzjoni hielsa f'uhud minn dawn is-subdivisions u b'hekk timponi kundizzjonijiet diskriminatorji fuq is-socjetà esponenti li altrimenti qatt ma setghu jigu imposti, aktar u aktar stante li l-operazzjoni fuq bazi sinifikanti f'dawk is-sub-divisions da parti ta' kompetituri hija possibilità xejn remota (per ezempju DHL (sussidjarja ta' Deutsche Post), Fedex, UPS, Aramex, Global Parcels Limited (agent ta' sussidjarja ta' Royal Mail) u ohrajn, liema kumpanniji internazzjonali joperaw f'Malta fil-parcel post services market*[22].

Li konvenjentement ma tghidx is-socjetà Rikorrenti però hu li t-tmint iswieq fis-settur postali identifikati mill-Awtorità Intimata gew hekk identifikati u stabbiliti b'decizjoni ta' l-istess Awtorità Intimata pubblikata fit-30 ta' Ottubru 2013 intitolata *Market Review for the Postal Sector: Letter Mail Markets – Identification and Analysis of Markets, Determination of Market Power and Setting of Remedies*, liema decizjoni kienet il-pass li jmiss wara li bid-decizjoni tas-26 ta' Dicembru 2012 gie stabbilit li s-socjetà Rikorrenti ghandha *Significant Market Power* fis-settur postali u s-swieq relattivi ghall-istess. Fl-imsemmija decizjoni pubblikata fit-30 ta' Ottubru 2013 – esebita fl-atti bhala Dok. "MCA4" a fol. 105 sa' 135 tal-process – senjatament f'Section 2 li tittratta dwar *Outline to the Market Definition Exercise*, l-Awtorità Intimata osservat u ikkonkludiet illi *all things considered the MCA therefore concludes that domestic mail services and cross-border mail services are inherently different services designed to cater for different customer requirements. Consequently, the MCA believes that domestic mail services and cross-border mail services belong to separate postal markets. <u>To this effect, a separate domestic and cross-border market will be definied for each of the four postal service markets previously identified</u>*[23] *… <u>Following the examination and discussion presented above, the MCA concludes the following relevant postal markets for SMP analysis</u>*[24] *… Market 1: Domestic Single Piece Letter Mail Market; Market 2: Outbound Single Piece Letter Mail Market; Market 3: Domestic Registered Letter Mail Market; Market 4: Outbound Registered Letter Mail Market; Market 5: Domestic Bulk Letter Mail Market; Market 6:*

---

[21] Dok. "MCA1" a fol. 68 sa' 72 tal-process.
[22] Rikors promotur, fol. 4 tal-process.
[23] Sottolinear tat-Tribunal, Section 2.8 tad-decizjoni pubblikata fit-30 ta' Ottubru 2013.
[24] Sottolinear tat-Tribunal.

*Outbound Bulk Letter Mail Market; Market 7: Domestic Parcel Post Market; Market 8: Outbound Parcel Post Market*[25].

Ghalkemm fir-Rikors promotur is-socjetà Rikorrenti tipprova taghti *ad intendere* li l-Awtorità Intimata identifikat u stabbiliet it-tmint iswieq fis-settur postali fid-Decizjoni appellata biex b'hekk tkun tista' tikkontesta l-istess imsemmija identifikazzjoni, mid-Decizjoni appellata stess johrog car li l-Awtorità Intimata ma hijiex qed tidentifika u tistabilixxi t-tmint iswieq in kwistjoni imma semplicement – u dan ghal finijiet ta' kjarezza u kompletezza fil-kuntest ta' l-ezercizzju esegwit fid-Decizjoni appellata – tirrepplika b'mod sintetiku l-identifikazzjoni tas-swieq già maghmula fid-decizjoni pubblikata fit-30 ta' Ottubru 2013, hawn appena citata. Li dan huwa l-kaz johrog ferm car mid-Decizjoni appellata stess, senjatament minn Section 2 tad-Decizjoni appellata intitolata appuntu *Background*. Fl-imsemmija parti tad-Decizjoni appellata l-Awtorità Intimata osservat illi *MaltaPost, having been the incumbent designated USP for many years, enjoys a long standing position as the mian operator providing postal services in Malta. In order to ensure a smooth transition to a fully liberalized and competitive market environment, on the 26th December 2012 the MCA designated MaltaPost as having 'a priori' SMP in the following postal services markets falling within the scope of the universal service in Malta: Letter-post services market; Bulk letter-post services market; Registered letter-post services market u Parcel-post services market. An SMP designation is not however permanent and would be removed if the MCA determines that MaltaPost no longer possesses SMP in one or more postal services markets following a market review procedure. To this effect, the MCA decided to carry out two separate reviews, one for* ***letter mail markets***[26] *and another for* ***parcel post markets***[27]*. On the 9th July 2013, the MCA presented for national consultation, its proposed decision on the market definition of the postal sector in Malta and the consequent proposed conclusions of the market review of the letter mail markets. The decision was subsequently published by the MCA on the 30th October 2013. The MCA will now carry out its next review to assess the level of competition of parcel post service markets in Malta. Having already identified, in the market review of the letter mail markets, the individual markets that comprise the postal sector in Malta (including the parcel post markets), the MCA will not repeat the market definition procedure and will proceed immediately to carrying out the market analysis procedure of the parcel post markets. This said, the MCA will, for ease of reference, summarise the conclusions on the definition of the postal services markets in Section 2.1 below. The MCA will aslo summarise the conclusions of the market analysis of the letter mail markets in Section 2.2*[28].

[25] Section 2.12 tad-decizjoni pubblikata fit-30 ta' Ottubru 2013.
[26] Enfasi ta' l-Awtorità Intimata.
[27] Enfasi ta' l-Awtorità Intimata.
[28] Sottolinear tat-Tribunal.

Jirrizulta li d-decizjoni pubblikata fit-30 ta' Ottubru 2013 ma gietx appellata, wisq inqas mis-socjetà Rikorrenti, u ghalhekk illum tikkostitwixxi gudikat li jorbot mhux biss lill-Awtorità Intimata u lill-operaturi fis-settur postali, b'mod partikolari lis-socjetà Rikorrenti, izda anke lit-Tribunal li ma ghandu l-ebda jedd li jidhol u wisq inqas ivarja l-identifikazzjoni tas-swieq fis-settur postali kif stabbilita fl-imsemmija decizjoni. L-Artikolu 37(3) tal-Kap.418 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem car: *minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 38* (li jittratta dwar appelli minn penali amministrattiva imposta mill-Awtorità Intimata) *appell minn decizjoni tal-Awtorità ghandu jsir b'rikors u jigi pprezentat ghand is-Segretarju tat-Tribunal fi zmien ghoxrin gurnata mid-data meta dik id-decizjoni tkun giet notifikata.* Huwa evidenti li una volta li jiskadi inutilment t-terminu ta' ghoxrin gurnata min-notifika tad-decizjoni, dik l-istess decizjoni tghaddi in gudikat u b'hekk issir irrevokabbli u ma tkunx tista' tigi iktar ikkontestata.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal iqis li l-ewwel aggravju fuq liema s-socjetà Rikorrenti tibbaza l-appell taghha mid-Decizjoni ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontesta l-konkluzzjoni ta' l-Awtorità Intimata li hija (ossia s-socjetà Rikorrenti) ghandha *Significant Market Power* fis-swieq analizzati fid-Decizjoni appellata, li mill-istess Decizjoni jirrizulta li huma *Market 7: Domestic Parcel Post Market* u *Market 8: Outbound Parcel Post Market*, u tikkontendi li din il-konkluzzjoni hija zbaljata ghaliex l-analizi li ghamlet l-Awtorità Intimata f'dan il-kuntest ma hijiex sufficjenti u konklussiva partikolarment ghaliex l-istess Awtorità naqset milli tikkonsidra s-sahha ekonomika ta' operturi ohra fis-settur postali li skond is-socjetà Rikorrenti jipprovdu servizzi fiz-zewgt iswieq in kwistjoni.

Is-socjetà Rikorrenti tikkontendi li meta jigi kkunsidrat dak provdut fir-Regolament 64B tar-Regolamenti dwar Servizzi Postali (Generali), Legislazzjoni Sussidjarja 254.01, dwar l-identifikazzjoni ta' operaturi postali li jkollhom setgha sinifikanti fis-suq, u cioè li sew individwalment sew flimkien ma' ohrajn, ikunu jgawdu posizzjoni ekwivalenti ghal dominanza, jigifieri posizzjoni ta' sahha ekonomika li taghtihom il-forza li jgibu ruhhom sa' certu limitu apprezzabbli indipendentement mill-kompetituri, klijenti u fl-ahhar mill-ahhar l-utenti, il-kriterji adottati mill-Awtorità Intimata biex jigi determinat jekk is-socjetà Rikorrenti ghandhiex tali setgha sinifikanti fil-*Market 7* u *Market 8*, ossia l-kriterji ta' *market share; barriers to entry: vertical and horizontal integration, economies of scale and scope, a highly developed collection and distribution network; potential competition* u *countervailing buying power*, wassluha biex *tasal ghal decizjoni li tikkontradixxi l-ispirtu tal-Postal Services (General) Regulations u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala sufficcjenti u konklussivi ghal fini tad-determinazzjoni li tirrikjedi l-ligi u fil-fatt wasslu lill-Awtorità intimata ghall-konkluzzjonijiet hziena u zbaljati ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-sub-divisions tas-suq tal-Parcel post services market li l-istess Awtorità intimata*

*holqot ingustament ghal finijiet tad-Decizjoni taghha, cioè d-domestic post market u l-outbound parcel post market*[29].

It-Tribunal assolutament ma jaqbilx ma' din l-affermazzjoni u konsegwenti pretensjoni tas-socjetà Rikorrenti u fil-fehma tieghu l-kriterji adottati mill-Awtorità Intimata ghall-fini li tiddetermina jekk is-socjetà Rikorrenti ghandhiex *Significant Market Power* fil-*Market 7* u *Market 8*, huma l-kriterji gusti u li effettivament kellha tadotta u tikkonsidra biex taghmel l-analizi taghha u tasal ghal konkluzzjoni korretta.

Il-qofol tad-determinazzjoni li kellha taghmel l-Awtorità Intimata kien jekk is-socjetà Rikorrenti sew individwalment sew flimkien ma' ohrajn, tgawdix posizzjoni ekwivalenti ghal dominanza, jigifieri posizzjoni ta' sahha ekonomika li taghtiha l-forza li ggib ruhha sa' certu limitu apprezzabbli indipendentement mill-kompetituri, klijenti u fl-ahhar mill-ahhar l-utenti. Ghalkemm ghall-finijiet tas-settur postali tali principju jinsab stabbilit fir-Regolament 64B tal-Legislazzjoni Sussidjarja 254.01, in verità dan huwa principju kardinali fil-kuntest tal-Ligi dwar il-Kompetizzjoni, fejn appuntu jigu trattati fost affarijiet ohra sitwazzjoni ta' dominanza ta' intraprizi kummercjali, u jinsab mifrux fuq medda ta' setturi bhalma ad ezempju hu s-settur tat-telekommunikazzjonijiet elettronici. Fir-rigward ta' dan is-settur partikolari dawn il-kriterji jinsabu addirittura identifikati bhala *Criteria to be used by national regulatory authorities in making an assessment of joint dominance* f'Annex II tal-Framework Directive, ossia *Directive 2002/21/EC of the European Parliament and of the Council of 7 March 2002 on a common regulatory framework for electronic communications networks and services*. B'hekk fin-nuqqas ta' prova sodisfacenti kuntrarja da parte tas-socjetà Rikorrenti, it-Tribunal ma jsib assolutament xejn x'jikkritika fil-kriterji adottati mill-Awtorità Intimata biex tiddetermina jekk is-socjetà Rikorrenti ghandhiex *Significant Market Power* fil-*Market 7* u fil-*Market 8*, li, jigi ribadit, huma s-swieq analizzati ghal SMP fid-Decizjoni appellata.

Is-socjetà Rikorrenti tibbaza l-aggravju taghha fil-konfront tad-Decizjoni appellata fuq diversi allegazzjonijiet dwar l-operat ta' operaturi ohra fis-settur postali. Hija tikkontendi li l-Awtorità Intimata *naqset milli tikkunsidra l-ezistenza ta' kompetituri tas-socjetà esponenti li qed jipprovdu parcel post services fis-swieq imsemmija u b'hekk l-istess Awtorità naqset milli tressaq l-evidenza necessarja sabiex tasal ghad-decizjoni taghha u tiddetermina b'mod erroneju li s-socjetà esponenti hija l-unika kumpannija li topera f'dawn is-swieq. Aghar minn hekk l-Awtorità intimata naqset li tapprezza l-qawwa ekonomika ta' whud mill-kompetituri tas-socjetà esponenti (per ezempju DHL (sussidjarja ta' Deutsche Post), Fedex, UPS, Aramex, Global Parcels Limited (agent ta' sussidjarja ta' Royal Mail tar-Renju Unit) u ohrajn, liema kumpanniji internazzjonali kollha joperaw regolarment hawn Malta fil-parcel post services market kemm ghall-garr ta' parcel post lokalment kif*

[29] Rikors promotur, fol. 5 tal-process.

*ukoll ghall-garr ta' parcel post minn u lejn l-esteru u li whud minnhom sahansitra juzaw arjuplani taghhom stess fil-garr tal-parcel post – qawwa ekonomika li zgur ma ghandhiex is-socjetà esponenti … Illi ghalkemm l-Awtorità intimata tkompli tghid fid-Decizjoni taghha li l-fatt li s-socjetà esponenti toffri servizzi postali ohra ma jfissirx li din taghmel "tangible cost savings from offering a range of postal services", l-istess Awtorità tiddikjara li s-socjetà esponenti tibbenefika mill-fatt li tipprovdi inbound parcel post services u b'hekk tasal ghall-konkluzzjoni li qieghda f'posizzjoni kompetittiva ahjar minn kumpanniji ohra. Din il-konkluzzjoni hija erronja w ingusta meta wiehed jikkunsidra kif dawn l-istess kumpanniji diga' qed jipprovdu inbound parcel post services u li dan l-istess suq huwa wiehed kompetittiv skond l-analizi ta' l-Awtorità. Illi minbarra li l-Awtorità intimata naqset milli tikkunsidra r-rwol u l-agir tal-kumpanniji msemmija hawn fuq hija sahansitra ma kkunsidratx kif dawn il-kumpanniji ghandhom l-infrastrttura necessarja billi digà qed jipprovdu servizzi postali ohra u ghalhekk jinsabu f'posizzjoni li jipprovdu l-parcel post services bhas-socjetà esponenti. Illi ghalkemm l-Awtorità intimata tiddikjara li m'hemmx alternattiva ghas-servizzi li tipprovdi s-socjetà esponenti, ghall-kuntrarju tas-socjetà esponenti, li hija universal postal service provider lokali u ghalhekk xorta ghandha numru ta' obligazzjonijiet, dawn il-kumpanniji m'huma regolati bl-ebda mod u ghandhom il-libertà li jipprovdu dan is-servizz minghajr licenzja. Fil-fatt b'referenza ghal Chart 2 tad-Decizjoni annessa (vide fol. 24) it-tnaqqis ta' l-outbound parcel post volumes ma jfissirx necessarjament li s-suq in kwistjoni mhux jikber izda jista' jkun indikazzjoni li il-kompetituri tas-socjetà esponenti qed jevitaw li jiddikjaraw il-volumi taghhom. Is-socjetà esponenti tistenna li l-Aworità intimata tidhol iktar fid-dettal fl-analizi taghha, precizament ghax ghandha l-kompetenza u l-obbligu li tinvestiga r-raguni ghal tali tnaqqis u tizgura li l-industrija postali hija regolata b'mod adegwat u gust. … Illi kif inghad aktar 'il fuq mhux minnu li s-socjetà esponenti ghandha s-sahha ekonomika li qed tallega l-Awtorità intimata, aktar u aktar meta wiehed iqis minn huma whud mill-kompetituri u il-potenzjali kompetituri taghha (DHL (sussidjarja ta' Deutshce Post), Fedex, UPS, Aramex, Global Parcels Limited (agent ta' sussidjarja ta' Royal Mail tar-Renju Unit) u ohrajn. Kif ser jigi ippruvat aktar 'il quddiem f'dawn il-proceduri, is-socjetà esponenti ma ghandhiex is-setgha li taghmel dawn l-affarijiet precitati li l-Awtorità intimata tixtieq izzomm lis-socjetà esponenti milli taghmel*[30].

L-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tas-socjetà Rikorrenti huma ferm cari u t-Tribunal ghalhekk jippretendi li l-istess kellhom jigu minnha sodisfacentement ippruvati, prova li però baqghet ma saritx. Is-socjetà Rikorrenti ma ressqet l-ebda prova li tissodisfa lil dan it-Tribunal li hemm raguni valida in bazi ghal liema ghandu jhassar u jirrevoka d-Decizjoni appellata fejn gie determinat li s-socjetà Rikorrenti ghandha *Significant Market Power* f'*Market 7: Domestic Parcel Post Market* u f'*Market 8:*

[30] Rikors promotur, fol. 5 sa' 7 tal-process.

*Outbound Parcel Post Market* u konsegwentement giet assoggettata ghal obbligazzjonijiet regolatorji relattivi.

Fid-Decizjoni fir-rigward ta' ***Domestic Parcel Post Market*** l-Awtorità Intimata osservat illi *unlike letter mail markets which were fully liberalized on the 1st January 2013, parcel post markets in Malta have been open to competition for quite some time. In this regard, new postal operators have had the opportunity, over the past years, to enter one or more of the standard parcel post markets and compete directly with the incumbent MaltaPost by offering an equivalent parcel post service. Having said this, the MCA explains that MaltaPost is currently the sole postal operator in Malta offering domestic standard parcel post services. It thus follows that MaltaPost enjoys 100 percent market share in the domestic parcel post market.* Wara li kkunsidrat il-kriterji ta' *market share, barriers to entry, countervailing buyer power* u *absence of potential competition* l-Awtorità Intimata kkonkludiet illi *the MCA does not expect that within the timeframe of this review conditions in Market 7 will change in a manner that effective competition is guaranteed in the absence of regulation. As a result, the MCA believes that MaltaPost will continue to hold SMP in the domestic parcel post market.* Fir-rigward ta' ***Outbound Parcel Post Market*** l-Awtorità Intimata osservat illi *as has already been explained in the market share analysis of Market 7 above, parcel post markets in Malta have been open to competition for quite some time. In this regard, new postal operators have had the opportunity, over the past years, to enter one or more of the standard parcel post markets and compete directly with the incumbent MaltaPost by offering an equivalent parcel post service. Having said this, the MCA notes that MaltaPost, as is also the case with domestic parcel post services, is currently the sole postal operator in Malta offering outbound standard parcel post services. It thus follows that MaltaPost also enjoys 100 percent market share in the outbound parcel post market* u wara li analizzat il-kriterji iktar 'l fuq imsemmija imma din id-darba mill-ottika ta' *outbound parcel post services,* l-Awtorità Intimata kkonkludiet illi *MaltaPost will continue to hold onto its market power in the outbound parcel post market. The MCA deems it is important to continue regulating the outbound parcel post market during the timeframe of this review. At the same time, the MCA will continue to monitor closely developments in this market and where appropriate shall carry out a new analysis in advance, if and when, conditions of competition change significantly.*

Mix-xhieda moghtija minn Victor Zammit in rapprezentanza ta' l-Awtorità Intimata[31] jirrizulta li l-Awtorità Intimata bbazat l-osservazzjonijiet taghha u waslet ghall-konkluzzjonijiet dwar *Significant Market Power* tas-socjetà Rikorrenti f'*Market 7* u f'*Market 8* a bazi ta' informazzjoni u *data* pprovduti lilha mill-istess socjetà Rikorrenti *qua* l-uniku operatur f'dawn is-swieq tant illi jghid li l-operaturi l-ohra fis-settur postali ma ssottomettew l-ebda

[31] B'mod partikolari x-xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014, fol. 213 sa' 226 tal-process.

informazzjoni u *data* fir-rigward peress illi ma joffrux is-servizzi kontemplati f'dawn iz-zewgt iswieq. Fir-rigward ta' DHL u ta' Global Parcels Limited, li huma tnejn mid-diversi kumpanniji imsemmija mis-socjetà Rikorrenti fir-Rikors promotur, Victor Zammit iddikjara li fir-rigward ta' DHL *mill-informazzjoni li ghandna ahna ma joffrux dak is-servizz allura taw zero, bla dubju, kieku hadnihom into consideration u ma kelli l-ebda raguni ghala ma nehodhomx into consideration … d-DHL ma ghamlux risposta ghal din il-konsultazzjoni ghax kieku hadniha into consideration. Fil-kaz tal-GPL hadnieha minhabba li digà kien hemm id-decizjoni u tad-DHL sakemm qed naqra d-deicjzoni jiena ma kienx mehuda dan il-kaz ipotetiku.*
Ghalkemm is-socjetà Rikorrenti tallega li hemm operaturi ohra fis-settur postali li effettivament jipprovdu servizzi relatati mas-swieq in ezami fid-Decizjoni appellata, fosthom DHL u Global Parcels Limited, l-istess socjetà Rikorrenti naqset milli ggib prova sodisfacenti fir-rigward u addirittura ppruvat iddawwar in-nuqqas taghha ghal fuq l-Awtorità Intimata billi tikkontendi li minkejja l-*feedback* – jew ahjar nuqqas ta' *feedback* – da parte ta' dawn l-operaturi fir-rigward ta' dawn iz-zewgt iswieq l-Awtorità Intimata kellha mhux tikkonkludi li ma joffrux servizzi f'tali swieq imma li kienu qed jahbu l-verità minnha.

Ghad illi s-socjetà Rikorrenti sahqet hafna fuq il-fatt li DHL u Global Parcels Limited entrambe jipprovdu servizzi fis-swieq formanti l-meritu tad-Decizjoni appellata, ossia fis-suq ta' *Domestic Parcel Post* u fis-suq ta' *Outbound Parcel Post*, dak li jista' jghid it-Tribunal, u dana minhabba proceduri quddiem dan it-Tribunal li l-imsemmija zewg socjetajiet ghaddew minnhom u fir-rigward ta' liema gew pronuncjati s-sentenzi relattivi, huwa s-segwenti: l-Awtorità Intimata già hadet azzjoni fir-rigward ta' DHL [Rikors Nru. 217/12 – prezentement pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)] ghaliex fil-fehma taghha (ossia ta' l-Awtorità) ghas-servizz minnha offrut lil Deutsche Post, u cioè t-tqassim f'Malta ta' parcel post originanti gewwa l-Germanja, hija ghandha bzonn *individual licence*. Tali kwistjoni però hija rrilevanti ghall-proceduri in ezami ghar-raguni li dik ic-cirkostanza tittratta dwar *inbound parcel post*, liema settur partikolari l-Awtorità Intimata kkonkludiet li huwa sufficjentement kompetittiv u allura ma hemmx il-htiega ta' *ex-ante regulation*. Fir-rigward ta' Global Parcels Limited, ghad illi l-Awtorità Intimata kienet qed tirrikjedi li din is-socjetà topera taht *individual licence* u mhux semplici *general authorization* ghaliex skontha (ossia l-Awtorità) is-servizzi li kienet toffri l-imsemmija socjetà kienu tali li jaqghu taht l-iskop tal-*universal service*, b'sentenza moghtija fil-21 ta' Lulju 2014 wara l-kawza fl-ismijiet **Global Parcels Limited v. Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Rik. Nru. 211/12**, it-Tribunal hassar u rrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorità Intimata ghaliex irrizulta li s-servizzi offruti minn Global Parcels Limited kienu jaqghu fl-ambitu ta' *express services* u li ghalhekk ma hemm l-ebda htiega tottjeni licenza ulterjuri sabiex tipprovdi servizzi li jaqghu taht il-*universal service*. Din id-decizjoni ma gietx appellata u llum tikkostitwixxi gudikat.

Oltre dan appena osservat it-Tribunal ftit li xejn jista' jikkonsidra fatturi ulterjuri fir-rigward ta' l-operat ta' dawn iz-zewg socjetajiet partikolari w in verità anke fir-rigward ta' l-operat ta' kumpanniji ohra espressament imsemmija mis-socjetà Rikorrenti fir-Rikors promotur u dana ghar-raguni li is-socjetà Rikorrenti ma ressqet l-ebda prova li sodisfacentement turi li l-kumpanniji espressament indikati minnha effettivament joffru b'mod apprezzabbli servizzi li jaqghu taht *Market 7* u *Market 8* li huma *Domestic Parcel Post Market* u *Outbound Parcel Post Market*.

Ghalkemm is-socjetà Rikorrenti pproduciet bhala xhud lil Yolande Spiteri[32] sabiex tixhed dwar dak li rrizultalha minn ezercizzju ta' *mystery shopping* li sar fir-rigward ta' *parcel post services* offerti minn diversi operaturi fis-settur postali, it-Tribunal ma huwiex tal-fehma li dan l-ezercizzju huwa tali li juri b'mod sodisfacenti li l-operaturi hemm indikati jew ta' l-inqas uhud minnhom joffru b'mod apprezzabbli – b'dana ghalhekk li jwasslu biex is-socjetà Rikorrenti ma ghandhiex *Significant Market Power* – servizzi li jaqghu taht Market 7 u Market 8. Apparte l-fatt li dan l-ezercizzju gie esegwit wara l-pubblikazzjoni tad-Decizjoni appellata w allura r-rizultat ta' l-istess ma jistax jinghad li jirrifletti s-sitwazzjoni fil-perijodu ta' konsultazzjoni li wassal ghad-Decizjoni appellata, l-istess ezercizzju fil-fehma tat-Tribunal huwa limitat wisq biex jinghad li juri li l-operaturi fih indikat joffru b'mod apprezzabbli servizzi li jaqghu taht l-imsemmija *Market 7* u *Market 8*. Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk dak li rrizulta mill-ezercizzju ta' *mystery shopping* esegwit mis-socjetà Rikorrenti ma ghandux il-valur probatorju pretiz mill-istess socjetà.

Ghal kull buon fini jigi osservat li fil-process ta' konsultazzjoni li wassal ghad-Decizjoni finali l-Awtorità Intimata hadet in konsiderazzjoni l-posizzjoni tas-socjetà Global Parcels Limited fis-settur ta' l-*outbound parcel post* in vista ta' l-ilment registrat mis-socjetà Rikorrenti fil-konfront taghha u kkunsidrat is-segwenti: *The MCA has already explained that, after having considered the various submissions made by all concerned parties in a complaint lodged by MaltaPost against GPL, it required GPL to apply for an individual licence for the provision of postal services that fall within the scope of the universal service. This Decision was however appealed by GPL and on the 29th March 2012 the Appeals Board also directed MCA to suspend the Decision against GPL until all evidence is heard and a final decision is taken by the Appeals Board/Tribunal. To this effect, the MCA will have to wait for the Appeals Tribunal decision on the matter. Therefore to date MaltaPost is the only licensed postal operator offering outbound standard parcel post services. Having said this, the MCA argues that <u>even if GPL were to be considered in the market analysis of outbound parcel post services it would not expect it to impose a significant competitive constraint on the incumbent MaltaPost. To begin with, on the basis of available information, GPL's estimated market share would be less than 8% of the total outbound standard parcel post</u>*

[32] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Marzu 2015 u dokumenti relattivi esebiti, fol. 297 sa' 381 tal-process u affidavit u dokumenti annessi a fol. 384 sa' 422 tal-process.

*market. Moreover, MaltaPost, having been the de facto monopoly in the postal sector for a long time, is the postal operator most known by users for providing postal services (including outbound parcel services) and such goodwill would be difficult to erode during the timeframe of this review. In this context, MaltaPost would therefore be expected to retain its SMP position in the outbound standard parcel market*[33]. B'hekk anke kieku ma kienx hemm id-decizjoni tat-Tribunal fir-rigward ta' l-operat tas-socjetà Global Parcels Limited xorta wahda jibqa' l-fatt li l-impatt taghha fuq is-suq ta' *outbound parcel post* ma kienx tali li jbiddel il-posizzjoni ta' *Significant Market Power* tas-socjetà Rikorrenti.

Fir-rigward tas-suq ta' *Outbound Parcel Post* jigi ulterjorment osservat li ghalkemm fir-Rikors promotur is-socjetà Rikorrenti tallega u tippretendi li *b'referenza ghal Chart 2 tad-Decizjoni annessa (vide fol. 24) it-tnaqqis ta' l-outbound parcel post volumes ma jfissirx necessarjament li s-suq in kwistjoni mhux jikber izda jista' jkun indikazzjoni li l-kompetituri tas-socjetà esponenti qed jevitaw li jiddikjaraw il-volumi taghhom. Is-socjetà esponenti tistenna li l-Awtorità intimata tidhol iktar fid-dettal fl-analizi taghha, precizament ghax ghandha l-kompetenza u l-obbligu li tinvestiga r-raguni ghal tali nuqqas u tizgura li l-industrija postali hija rregolata b'mod adegwat u gust*, bhala fatt ma ressqet l-ebda prova biex issostni l-allegazzjoni taghha li l-kompetituri taghha qed jevitaw li jiddikjaraw il-volumi taghhom ma' l-Awtorità Intimata. Fin-nuqqas ta' tali prova la l-Awtorità Intimata ma kellha jew ghandha ebda dritt li tiddubita mill-veracità ta' l-informazzjoni provduta lilha mill-operaturi fis-settur postali u lanqas dan it-Tribunal ma jista' jikkonsidra dak allegat mill-imsemmija socjetà bhala hag' ohra ghajr mera allegazzjoni li baqghet mhux ippruvata.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-aggravji sollevati mis-socjetà Rikorrenti fir-rigward tad-Decizjoni appellata ma humiex gustifikati u b'hekk ma jisthoqqx li jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni ta' l-Awtorità Intimata dwar l-invalidità tar-Rikors promotur a tenur ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, jilqa' l-oggezzjonijiet ta' l-Awtorità Intimata ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti mid-Decizjoni intitolata *Market Review for the Postal Sector: Parcel Post Markets – Analysis of Markets, Determination of Market Power and Setting of Remedies,* pubblikata fis-17 ta' Marzu 2014 u konsegwentement jichad l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-imsemmija Decizjoni u minflok jikkonferma l-istess imsemmija Decizjoni.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà Rikorrenti.

[33] Section 3.5 tad-Decizjoni appellata, fol. 46 tal-process.

It-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi komunikata lill-partijiet kontendenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**